**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 58**

It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Julie Zahra u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 57 li saret fit-22 ta' Novembru 2022 kienu kkonfermati.

Id-Deputy Speaker informa l-Kamra li wara li s-Sedja għamlet il-verifiki neċessarji, kienet qiegħda tordna illi għandha ssir il-korrezzjoni tal-Minuti tas-Seduti 52 u 53 tas-16 ta' Novembru 2022 sabiex l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb tidher bħala skużata fl-imsemmija minuti, u li l-Onor. Miriam Dalli għandha tidher bħala skużata fil-Minuti tas-Seduta 56 tas-16 ta' Novembru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bil-permess tal-Kamra u fuq talba tal-Onor. Claudette Buttigieg, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, għamel stqarrija qasira u wieġeb xi mistoqsijiet dwar il-qtil tas-Sa. Bernice Cassar li ġara iktar kmieni dakinhar.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3124, u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 927 Kopja tal-concession agreement (Deed No 555) bejn il-Gvern ta' Malta u t-Tourist Development (Malta) Limited datat 23 ta' Ġunju 1975 għal-lukanda ġewwa Kemmuna u kopja ta' extension (Deed No 75) bejn il-Gvern ta' Malta u Comino Holdings Limited datat 13 ta' April 1989, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3849; u

P.L. 928 Tagħrif dwar in-numru ta' advisors impjegati permezz ta' kuntratt/direct order li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet fis-snin bejn l-2018 u 2022, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 4111.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 929 Sostituzzjoni tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3812 dwar liema servizzi ta' terapija jistgħu jibbenefikaw minnhom persuni b'diżabilità li ngħatat fis-seduta 54 tas-16 ta' Novembru 2022.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 930 Tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet approvati jew pendenti għal reverse vending machines maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 4170;

f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 931 Chalet Development Brief approvat f'Diċembru 2000, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 3850;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 932 Lista li turi tagħrif dwar kiri ta' binjiet ġodda mingħand il-privat fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex flimkien mal-perjodi tal-kirjiet, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 3721;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 933 Ħames ritratti li juru x-xogħol ta' rijabilitazzjoni li sar f'Kemmuna, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4096;

P.L. 934 Memorandum of Understanding bejn Nature Trust Malta (NTM), WasteServ Malta (WSM) Ltd u Parks Malta iffirmat fil-11 ta' Novembru 2022 għall-użu ta' razzett f'Romeo Romano Garden, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4143;

P.L. 935 Lista ta' lokalitajiet u lista ta' stabbilimenti kummerċjali fejn jinsabu l-Public Reverse Vending Machine (RVM) Hubs f'Malta u Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4174; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 936 Tagħrif dwar in-numru ta' advisors impjegati permezz ta' kuntratt/direct order li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 4110. ***(Ara dokument Nru. 1172 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 76 tat-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023)***

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 937 Tabella li turi n-numru ta' sodod vakanti fir-Residenza San Vincenz de Paule maqsuma skont il-ward, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 4140.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ESTIMI ĠENERALI 2023 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IS-SBATAX-IL SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Michael Farrugia, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 22 - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €58,875,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 22 - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

**VOT 23 - KUMMERĊ**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €1,895,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 23 – Kummerċ, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

**VOT X - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €73,890,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot X - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

Il-Viċi President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Ivan J. Bartolo ressaq din l-Emenda:

**VOT 22 - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€104,302" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€104,299".
*Delete the figure "€104,302" and substitute therefor the figure "€104,299".*

Fis-6.06 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Bernice Bonello u l-Onor. Ivan Castillo għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Cressida Galea u l-Onor. Silvio Schembri għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.39 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

Il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tat-25 ta' Ottubru 2022, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għal data li kellha tiġi komunikata aktar 'il quddiem mill-Gvern.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2022 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

**<u>1. Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista</u>**

It-Tmintax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Vot 24 - Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur
Vot XI - Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur - Kapital

2. Ministeru għas-Saħħa – Votazzjonijiet
3. Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali – Votazzjonijiet
4. Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli – Votazzjonijiet
5. Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal – Votazzjonijiet
6. Ministeru għall-Agrikoltura, is Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Votazzjonijiet
7. Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ – Votazzjonijiet

8. Ministeru għall-Ġustizzja – Votazzjonijiet
9. Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali – Votazzjonijiet
10. Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża – Votazzjonijiet
11. Ministeru għal Għawdex – Votazzjonijiet
12. Ministeru għall-Anzjanità Attiva – Votazzjonijiet
13. Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Votazzjonijiet
14. Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni – Votazzjonijiet
15. Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol – Votazzjonijiet
16. Uffiċċju tal-Prim Ministru – Votazzjonijiet
17. Ministeru għat-Turiżmu – Votazzjonijiet
18. Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet – Votazzjonijiet

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Il-Ministru informa wkoll il-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.42 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**